



EBA/GL /2020/02

2 ta' April 2020

Linji gwida

dwar moratorji leġiżlattivi u mhux
leġiżlattivi fuq il-ħlasijiet ta' self applikati
fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19



1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jeħtieġ li jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-opinjoni tal-EBA dwar Prattiki Superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar il-mod kif id-dritt tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida jenħtieġ li jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż meta l-linji gwida jkunu indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella jagħtu r-raġunijiet tagħhom għan-nuqqas ta' konformità, sat-3 ta' Ġunju 2020. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2020/02". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni li għandhom l-awtorità xierqa sabiex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istatus tal-konformità trid tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw it-trattament prudenzjali ta' moratorji leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi fuq il-ħlasijiet ta' self introdotti b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19.

Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tal-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-klassifikazzjoni ta' tolleranza skont l-Artikolu 47b ta' dak ir-Regolament.

Destinatarji

7. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif iddefinit fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u lill-istituzzjonijiet ta' kreditu kif iddefinit fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Definizzjonijiet

8. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida.

3. Implimentazzjoni

Data ta' applikazzjoni

9. Dawn il-linji gwida japplikaw mit-2 ta' April 2020.

4. Trattament ta' moratorji fuq il-ħlasijiet

Kriterji għal moratorji ġenerali fuq il-ħlasijiet

10. Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, moratorju għandu jitqies bħala moratorju ġenerali fuq il-ħlasijiet fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) il-moratorju huwa bbażat fuq il-liġi nazzjonali applikabbli (moratorju leġiżlattiv) jew fuq inizjattiva mhux leġiżlattiva ta' ħelsien minn ħlasijiet ta' istituzzjoni bħala parti minn skema ta' moratorji industrijali jew settorjali maqbula jew ikkoordinata fi ħdan l-industrija bankarja jew parti materjali minnha, possibbilment b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi, b'tali mod li l-parteċipazzjoni fl-iskema ta' moratorji tkun miftuħa u jittieħdu miżuri simili ta' ħelsien minn ħlasijiet taħt din l-iskema mill-istituzzjonijiet ta' kreditu rilevanti (moratorju mhux leġiżlattiv);
- (b) il-moratorju japplika għal grupp kbir ta' debituri predefiniti abbażi ta' kriterji wesgħin, fejn kwalunkwe kriterju li jiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tal-moratorju għandu jippermetti lil debitur jibbenefika mill-moratorju mingħajr il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tiegħu; eżempji ta' tali kriterji jinkludu l-klassi ta' skopertura jew sottoskopertura, is-settur tal-industrija, il-firxiet ta' prodotti jew il-lokazzjoni ġeografika. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-moratorju jista' jkun limitat biss għal debituri produttivi, li ma esperjenzaw l-ebda diffikultà fil-ħlasijiet qabel l-applikazzjoni tal-moratorju, iżda ma għandux ikun limitat biss għal dawk id-debituri li esperjenzaw diffikultajiet finanzjarji qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19.
- (c) il-moratorju jipprevedi biss bidliet fl-iskeda tal-ħlasijiet, jiġifieri billi jissospendi, jipposponi jew inaqqas il-ħlasijiet tal-ammonti prinċipali, l-imgħax jew il-pagamenti rateali sħaħ, għal perjodu ta' żmien limitat predefinit; ma għandu jkun hemm ebda tibdil fi kwalunkwe terminu ieħor jew fi kwalunkwe kundizzjoni oħra tas-self, bħar-rata tal-imgħax;
- (d) il-moratorju joffri l-istess kundizzjonijiet għall-bidliet fl-iskedi ta' ħlas għall-iskoperturi kollha soġġetti għall-moratorju, anki jekk l-applikazzjoni tal-moratorju mhijiex obbligatorja għad-debituri;
- (e) il-moratorju ma japplikax għal kuntratti ta' self ġodda mogħtija wara d-data li fiha tħabbar il-moratorju;
- (f) il-moratorju tnieda b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 u ġie applikat qabel ▼A2 il-31 ta' Marzu 2021. ▼O



Moratorji ġenerali separati fuq il-ħlasijiet jistgħu japplikaw għal segmenti wiesgħa differenti ta' debituri jew skoperturi.

▼A2

Kriterji għal skoperturi soġġetti għal moratorji

10. (bis) Għall-fini ta' dawn il-linji gwida, il-perjodu totali ta' żmien li bih tinbidel l-iskeda ta' ħlas ta' kuntratt ta' self partikolari skont il-paragrafu 10(c), bħala riżultat tal-applikazzjoni ta' moratorji ġenerali fuq il-ħlasijiet, ma għandux jaqbeż id-9 xhur. Madankollu, dan ir-rekwiżit ta' limitu massimu ta' 9 xhur ma japplikax għal bidliet fl-iskeda ta' ħlasijiet maqbula dwar kuntratti ta' self qabel it-30 ta' Settembru 2020 skont moratorju ġenerali fuq il-ħlasijiet fejn it-tul totali tal-bidla jaqbeż id-9 xhur. ▼O

Klassifikazzjoni skont id-definizzjoni ta' tolleranza

11. Fejn moratorju ġenerali fuq il-ħlasijiet jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 10 u japplika għall-iskoperturi kollha ta' istituzzjoni fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ▼A2 tal-moratorju, u fejn l-iskoperturi soġġetti għall-moratorju jissodisfaw il-kundizzjoni msemmija fil-paragrafu 10(bis), ▼O tali miżuri ma għandhomx ibiddlu l-klassifikazzjoni ta' skoperturi skont id-definizzjoni ta' tolleranza f'konformità mal-Artikolu 47b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew ibiddlu jekk humiex trattati bħala ristrutturazzjoni oneruża f'konformità mal-Artikolu 178(3)(d) ta' dak ir-Regolament. Konsegwentement, l-applikazzjoni tal-moratorju ġenerali fuq il-ħlasijiet fiha nnifisha ma għandhiex twassal għal riklassifikazzjoni tal-iskopertura bħala mrażżna (produttiva jew improduttiva) sakemm skopertura ma tkunx diġà ġiet ikklassifikata bħala mrażżna fil-mument tal-applikazzjoni tal-moratorju.
12. Fejn l-istituzzjonijiet jagħtu self ġdid lil debituri soġġetti għal moratorju ġenerali fuq il-ħlasijiet, dan ma jwassalx awtomatikament għar-riklassifikazzjoni ta' skoperturi bħala mrażżna. Madankollu, il-klassifikazzjoni għandha tiġi kkunsidrata fuq bażi ta' każ b'każ skont l-Artikolu 47b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

L-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza għal skoperturi soġġetti għal moratorji fuq il-ħlasijiet

13. Meta moratorju ġenerali fuq il-ħlasijiet jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 10 ▼A2 u meta l-iskoperturi soġġetti għall-moratorju jissodisfaw il-kundizzjoni msemmija fil-paragrafu 10(bis) ▼O, dan għandu jiġi ttrattat skont il-paragrafi 16 sa 18 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar l-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza, maħruġa skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013². Konsegwentement, għall-finijiet tal-Artikolu 178(1)(b) tar-

² EBA/GL/2016/07 tat-28 ta' Settembru 2016 dwar l-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 [titolu mhux uffiċjali], li jista' jinstab fuq [https://eba.europa.eu/sites/default/documents/files/documents/10180/1597103/004d3356-a9dc-49d1-aab1-3591f4d42cbb/Final%20Report%20on%20Guidelines%20on%20default%20definition%20\(EBA-GL-2016-07\).pdf](https://eba.europa.eu/sites/default/documents/files/documents/10180/1597103/004d3356-a9dc-49d1-aab1-3591f4d42cbb/Final%20Report%20on%20Guidelines%20on%20default%20definition%20(EBA-GL-2016-07).pdf)



Regolament (UE) Nru 575/2013 u skont l-Artikolu 178(2)(e) ta' dak ir-Regolament, l-istituzzjonijiet għandhom jgħoddu l-jiem wara d-data tal-għeluq fuq il-bażi tal-iskeda riveduta tal-ħlasijiet, li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' kwalunkwe moratorju. Bl-istess mod, għall-finijiet tal-Artikolu 47a(3)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jgħoddu l-jiem wara d-data tal-għeluq fuq il-bażi tal-iskeda riveduta tal-ħlasijiet, li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' kwalunkwe moratorju.

14. Matul id-durata tal-moratorju, l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw l-improbabbiltà potenzjali ta' ħlas tad-debituri soġġetti għall-moratorju f'konformità mal-politiki u l-prattiki li normalment japplikaw għal valutazzjonijiet bħal dawn, inkluż fejn dawn huma bbażati fuq verifiki awtomatiċi ta' indikazzjonijiet ta' improbabbiltà ta' ħlas. Meta jitwettqu valutazzjonijiet manwali ta' debitori individwali, l-istituzzjonijiet għandhom jiprijoritizzaw il-valutazzjoni tad-debituri li għalihom l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 huma l-aktar probabbli li jinbidlu f'diffikultajiet finanzjarji aktar fit-tul jew insolvenza.
15. Fil-valutazzjonijiet tal-improbabbiltà ta' ħlas tad-debituri individwali wara t-tmiem tal-applikazzjoni tal-moratorji msemmija fil-paragrafu 10, l-istituzzjonijiet għandhom jiprijoritizzaw il-valutazzjoni tal-każijiet li ġejjin:
 - (a) fejn id-debituri jesperjenzaw dewmien fil-ħlasijiet ftit wara t-tmiem tal-moratorju;
 - (b) fejn kwalunkwe miżura ta' tolleranza tiġi applikata ftit wara t-tmiem tal-moratorju.
16. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu l-valutazzjoni tal-improbabbiltà ta' ħlas fuq il-bażi tal-iskeda ta' ħlasijiet l-aktar aġġornata, li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-moratorju ġenerali fuq il-ħlasijiet. Meta kwalunkwe miżura ta' appoġġ addizzjonali stabbilita mill-awtoritajiet pubbliċi b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19 tkun disponibbli għad-debitur u tista' taffettwa l-affidabbiltà kreditizja tagħha, din għandha titqies fil-valutazzjoni tal-improbabbiltà ta' ħlas. Madankollu, kwalunkwe forma ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu bħal garanziji pprovduti minn partijiet terzi lill-istituzzjonijiet ma għandhiex teżenta lill-istituzzjonijiet milli jivvalutaw l-improbabbiltà potenzjali ta' ħlas tad-debitur jew jaffettwaw ir-riżultati ta' tali valutazzjoni.

Dokumentazzjoni u notifikati

17. Fejn l-istituzzjonijiet japplikaw moratorju ġenerali mhux leġiżlattiv fuq il-ħlasijiet, dawn għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tagħhom dwar dan u jipprovdu l-informazzjoni kollha li ġejja:
 - a. id-data minn meta japplikaw il-moratorju;
 - b. il-kriterji tal-għażla għal skoperturi soġġetti għall-moratorju, imsemmija fil-paragrafu 10(b);
 - c. l-għadd ta' debitori u l-ammont ta' skoperturi fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-moratorju;



- d. il-kundizzjonijiet offruti fuq il-bażi tal-moratorju inkluża d-durata tal-moratorju;
- e. id-distribuzzjoni tad-debituri u l-iskoperturi fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-moratorju fil-grad ta' klassifikazzjoni (jew miżura ekwivalenti ta' riskju) użati għal skopijiet ta' rapportar intern.

▼A2

17. (bis) L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtorità(jiet) kompetenti rilevanti tagħhom bil-pjan li jiddeskrivi l-proċess, is-sorsi ta' informazzjoni u r-responsabbiltajiet fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-improbabbiltà potenzjali ta' ħlas tad-debituri soġġetti għal kwalunkwe moratorju ġenerali leġiżlattiv jew mhux leġiżlattiv fuq il-ħlasijiet kif imsemmi fil-paragrafu 14.

▼O

18. L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jinnotifikaw lill-EBA dwar kwalunkwe użu ta' moratorji ġenerali fuq il-ħlasijiet fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom u jipprovdu l-informazzjoni kollha li ġejja għal kull moratorju:

- a. jekk huwiex moratorju leġiżlattiv jew mhux leġiżlattiv;
- b. fil-każ ta' moratorju leġiżlattiv, jekk huwiex obbligatorju għall-istituzzjonijiet jew, jekk mhuwiex obbligatorju, jekk l-istituzzjonijiet humiex imħeġġa pubblikament b'xi mod biex jużaw il-moratorju;
- c. fil-każ ta' moratorju mhux leġiżlattiv, il-firxa tal-użu tal-moratorju mill-industrija bankarja fil-ġurisdizzjoni tagħhom;
- d. id-data minn meta japplika l-moratorju;
- e. il-kriterji tal-għażla għal skoperturi soġġetti għall-moratorju, imsemmija fil-paragrafu 10(b);
- f. il-kundizzjonijiet offruti fuq il-bażi tal-moratorju inkluża d-durata tal-moratorju.

19. L-istituzzjonijiet għandhom jiġbru u jkollhom disponibbli faċilment tal-inqas l-informazzjoni kollha li ġejja:

- a. identifikazzjoni ċara tal-iskoperturi jew id-debituri li għalihom ġie offrut il-moratorju;
- b. identifikazzjoni ċara tal-iskoperturi jew id-debituri li għalihom ġie applikat il-moratorju;
- c. l-ammonti li ġew sospiżi, posposti jew imnaqqa minħabba l-applikazzjoni tal-moratorju;



- d. kwalunkwe telf ekonomiku li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-moratorju fuq skoperturi individwali u l-ħlasijiet għall-indeboliment assoċjati.

▼A2

Klassifikazzjoni tal-iskoperturi għall-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2020 u l-1 ta' Diċembru 2020

20. L-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw dawn il-linji gwida għal riklassifikazzjonijiet ta' skoperturi bħala inadempjenti minħabba ristrutturazzjoni oneruża u/jew bħala mraġżna abbażi ta' moratorji li: (a) ġew applikati bejn l-1 ta' Ottubru 2020 u l-1 ta' Diċembru 2020; u (b) altrimenti jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 10. Meta l-istituzzjonijiet jagħmlu dan, ir-rekwiżit tal-limitu ta' 9 xhur tal-paragrafu 10(bis) japplika għal bidliet fl-iskeda ta' ħlas maqbula fir-rigward ta' tali skoperturi. ▼O.